MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 973/2007

Konkors ta' Kreditur ta' Ian Busuttil u martu Jacqueline Busuttil

Il-Qorti,

**A. RIKORS TA' HSBC BANK MALTA P.L.C.:**
Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ghall-ftuh ta' konkors ta' kredituri, li bih espona:

Illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Frar 2004 (Dok A) fl-ismijiet "**HSBC Bank Malta p.l.c. vs Kashmiri Palace Limited u Ian u Jacqueline konjugi Busuttil**" HSBC Bank Malta p.l.c. gie kononizzat kreditur tas-socjeta` Kashmiri Palace Limited fis-somma ta' Lm16,910.14 oltre l-imghax legali mis-26 ta' Lulju 2003 sad-data tal-effettiv pagament u tal-konvenuti konjugi Busuttil flimkien u *in solidum* ihallsu minn dan l-ammont is-somma ta' Lm15,000.00 flimkien mal-imghax dovut mill-10 ta' Frar 2002 li sallum jeccedi s-somma ta' Lm8,000.00 oltre l-ispejjez gudizzjarji.

Illi sallum ghadu ma thallas xejn mis-*sorte*, imghax u spejjez gudizzjarji kanonizzati.

Illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-16 ta' Frar 2004 fl-ismijiet "**Ian Busuttil et vs Carmen Taliana**" l-imsemmija konjugi Busuttil gew kanonizzati kredituri ta' Carmen Taliana fis-somma ta' Lm12,000.00 bl-imghax legali mill-20 ta' Novembru 2000 u l-ispejjez gudizzjarji (Dok B).

Illi in segwitu ghall-mandat ta' sekwestru numru 1188/2004 fl-ismijiet "**Kashmiri Palace Limited vs Ian u Jacqueline Busuttil**" notifikat lill-imsemmija Carmen Taliana bhala sekwestratarja giet depozitata taht l-awtorita` ta' din il-Qorti mill-imsemmija Taliana s-somma ta' Lm17,301.06 sabiex tigi zbankata minn min ghandu dritt skond il-ligi (Dok C).

Illi b'rikors tal-25 ta' Novembru 2004 HSBC Bank Malta p.l.c. talab li jizbanka l-imsemmija somma ta' Lm17,301.06 sabiex jigi sodisfatt parzjalment il-kreditu kanonizzat fuq imsemmi dovut mill-konjugi Busuttil (Dok D).

Illi ghal din it-talba saret oppozizzjoni minn Carmen Taliana u ghalhekk kien mehtieg li jinfetah konkors ta' kredituri tal-konjugi Ian u Jacqueline Busuttil.

Illi l-kreditu tal-bank rikorrent huwa kawtelat bin-noti ta' ipoteki numri I1471/99 [*recte* 14717/99], u I14998/04 (Dok E u Dok F).

Ghaldaqstant in vista tal-fuq premess HSBC Bank Malta p.l.c. talab li din il-Qorti joghgobha tordna l-ftuh ta' Konkors ta' Kredituri tal-konjugi Ian u Jacqueline Busuttil *ai termini* ta' l-artikolu 416 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar l-ammont imsemmi tas-somma ta' Lm17,301.06 depozitata taht l-Awtorita` ta' din il-Qorti permezz tac-cedola fuq imsemmija.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-21 ta' Novembru 2007 a tenur ta' l-artikolu 416 tal-Kap 12 biex ir-Registratur johrog l-avvizi

li jgharrfu bil-Mandat ta' Sekwetsru 1188/04 u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

**B. RIKORS TA' CARMEN TALIANA:**
Rat ir-rikors ta' Carmen Taliana li bih esponiet:

1. Illi Carmen Taliana giet notifikata bir-rikors odjern u permezz ta' dina r-risposta hija qeghda toggezzjona ghat-talbiet li qeghdin isiru mill-Bank HSBC (Malta) plc ghaliex fl-ewwel lok il-Bank ghandu Ipoteka Specjali bin-numru (I14717/1999) irregistrata fuq proprjeta` immobiljari jigifieri l-appartament numru tnax (12) gewwa "Shalimar Court", Triq Nazju Falzon, Msida liema appartament huwa tal-konjugi Ian u Jacqueline Busuttil.

2. Illi ghalhekk il-Bank jista' facilment jipprocedi bil-bejgh ta' l-imsemmija proprjeta` sabiex jissalda l-pretenzjoni li ghandu fil-konfront ta' Ian u Jacqueline konjugi Busuttil u fi kwalunkwe kaz bil-flus depozitati kif ukoll bil-proprjeta` imsemmija aktar 'il fuq ma jistax jinghad li l-konjugi Ian u Jacqueline konjugi Busuttil ma ghandhomx assi taghhom sabiex jissodisfaw it-talbiet kristalizzati tal-Bank aktar u aktar meta jidher li t-tnejn li huma ghandhom impjieg regolari.

3. Illi bhalissa hemm kawza pendenti quddiem dina l-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet "**Kashmiri Palace Limited vs Ian u Jacqueline konjugi Busuttil**" (Citazz. Nru. 470/2004RCP) f'liema kawza l-konjugi Busuttil qeghdin jintalbu li jipproducu d-dokumentazzjoni kollha relattiva ghall-amministrazzjoni korretta tas-socjeta` Kashmiri Palace Limited inkluz fost affarijiet ohra l-merkanzija li kienet thalliet lilhom meta huma hadu s-socjeta` Kashmiri Palace Limited.

4. Illi permezz ta' dina l-kawza l-konjugi Busuttil qeghdin jintalbu jroddu lura dak kollu li huwa tas-socjeta` Kashmiri Palace Limited u li fost affarijiet ohra jista' jkun hemm l-ammont ta' sbatax-il elf tliet mija u wiehed Liri Maltin u sitt centezmi (Lm17,301.06) depozitata minn Carmen Taliana u dan *ai termini* tal-kawza (*Ian u*

*Jacqueline konjugi Busuttil vs Carmen Taliana* Cit. Nru. 1601/2000).

5. Illi ghalhekk Carmen Taliana issottomettiet li r-rikors promotur mill-HSBC Bank (Malta) plc ghandu jigi notifikat bih is-socjeta' Kashmiri Palace Limited sabiex ikun hemm l-integrita` tal-gudizzju u dan qieghed jinghad b'riserva ghal kull azzjoni ohra li Carmen Taliana ghandha dritt tipprezenta r-rikors skond il-proceduri stabbiliti fl-Artikolu 416 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant Carmen Taliana gharrfet lill-Qorti li fl-ewwel lok hija qeghda toggezzjona ghat-talba li qeghda ssir mill-HSBC Bank (Malta) plc fil-proceduri odjerni ghar-ragunijiet fuq imsemmija; fit-tieni lok qeghda tirriserva d-dritt li tipproduci dawk id-dokumenti kollha mehtiega wara li tkun saret il-procedura kollha *ai termini* ta' l-Artikolu 416 tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta u fit-tielet lok titlob li tigi notifikata bir-rikors promotur is-socjeta` Kashimiri Palace Limited.

**C. RISPOSTA TA' HSBC BANK MALTA P.L.C.:**
Rat ir-risposta ta' HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) ghar-Rikors ta' Carmen Taliana datat 12 ta' Novembru 2007.

Illi mir-rikors ta' Carmen Taliana jirrizultaw dawn il-fatti segwenti:-

Illi Carmen Taliana hija debitrici ta' Ian u Jacqueline konjugi Busuttil in forza ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Numru 1601/2000 tas-16 ta' Frar 2004 fl-ismijiet '**Ian u Jacqueline konjugi Busuttil vs Carmen Taliana**' minn fejn jirrizulta li Carmen Taliana qarrqet bil-konjugi Busuttil meta ttrasferitilhom ishma f'kumpanija li l-iskop ta' tali trasferiment kien biex huma jakkwistaw kirja ta' hanut minghajr ma infurmathom li dik il-kirja kellha tinkombi fuqha kawza ta' zgumbrament.

Illi ma tistax Carmen Taliana tippretendi li jigu istitwiti proceduri ta' subasta ghall-bejgh tar-residenza tal-konjugi Busuttil meta hemm depozitati fil-Qorti somma flus

sufficjenti biex jithallas il-kreditu tal-Bank, il-meritu tal-proceduri odjerni.

Illi jekk Carmen Taliana ghandha kreditu jew le jiddependi mill-ezitu ta’ kawza li ghadha pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta u ghal dan il-kreditu Carmen Taliana ma tgawdi ebda ipoteka stante li l-kreditu ipotekarju li kellha kien ghal bilanc ta’ prezz ta’ bejgh ta’ *shares* liema bejgh gie rexiss b’sentenza konfermatorja tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell tas-16 ta’ Frar 2004.

Illi s-sottomissjoni migjuba f’paragrafu erbgha (4) ta’ rikors ta’ Carmen Taliana hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-ammont iddepozitat minn Carmen Taliana jirrapprezenta r-rifuzjoni ta’ prezz ta’ ishma li hi giet ikkundannata li taghmel lill-konjugi Busuttil u ghalhekk b’ebda mod ma jista’ jigi argumentat li dawn il-flejjes huma ta’ Kashmiri Palace Limited li tibqa’ totalment estranja minn dawn il-proceduri dwar min ghandu dritt jigbed dawn il-flus tal-konjugi Busuttil mir-registru ta’ dina l-Qorti.

Illi l-HSBC Bank Malta p.l.c. igawdi titolu ezekuttiv kontra l-konjugi Busuttil u dan it-titolu ezekuttiv huwa kopert sew bil-garanzija ipotekarja munita b’ipoteka li tinsab fir-Registru Pubbliku f’volum 'I' u ggib in-numru ta’ registrazzjoni wiehed, erbgha, sebgha, wiehed, sebgha tas-sena elf, disa’ mija u disgha u disghin ('I' 14717/1999) u sew b’sentenza tal-Qorti moghotija fil-kawza ‘**HSBC Bank Malta p.l.c. vs Kashmiri Palace Limited u Ian u Jacqueline konjugi Busuttil**, Cit. Nru. 1369/03GV’ liema titolu hu wkoll kopert b’ipoteka gudizzjarja li tinsab fir-Registru Pubbliku f’volum bl-ittra 'I' bin-numru wiehed, erbgha, disgha, disgha, tmienja tas-sena elfejn u erbgha ('I' 14998/2004).

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tichad it-talbiet ta’ Carmen Taliana bl-ispejjez kontra taghha u dana taht dawk il-provvedimenti kollha li hi jidrilha xierqa u opportuni.

## D. RISPOSTA TA’ IAN BUSUTTIL ET:

Rat ir-risposta ta’ Ian Busuttil *et* ghat-talba li ghamel HSBC Bank Malta p.l.c ghal ftuh tal-konkors tal-kredituri fil-konfront taghhom.

Illi Busuttil qeghdin jaqblu mas-sekwenza tal-fatti hekk kif premessi fir-rikors promotur tal-HSBC Bank Malta p.l.c

Illi Busuttil qed jirrikonoxxu l-kreditu li ghandu l-bank fil-konfront taghhom tant li huma kienu waslu ghal ftehim ma’ l-istess bank sabiex l-istess Bank jizbarkaw il-flus li gew iddepozitati minn CarmenTaliana wara li Busuttil gew fil-fatt ikkanonizzati kredituri ta’ l-istess Carmen Taliana permezz ta’ sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell datata 16 ta’ Frar 2004 fl-ismijiet ‘**Ian Busuttil et vs Carmen Taliana**’.

Illi kienet fil-fatt Carmen Taliana li opponiet ghat-talba ta’ l-izbank ta’ dan id-depozitu maghmul mill-HSBC Bank Malta p.lc u dana peress li Carmen Taliana qalet li kellha xi pretensjonijiet kontra Busuttil liema pretensjonijiet huma fil-fehma ta’ Busuttil totalment infondati fil-fatt u fid-dtitt.

Illi b’konsegwenza ta’ dawn il-pretensjonijiet, izda qabel ma sar ir-rikors ta’ zbank tal-Bank attur tal-flejjes in kwistjoni, giet intavolata kawza fl-ismijiet ‘**Kasmiri Palace Limited vs Ian Busuttil *et***’ (Cit. Nru.: 470/2004RCP) li a bazi taghha l-istess Carmen Taliana ghamlet mandat ta’ sekwestru fuq il-flejjes li hi sussegwentement iddepozitat fir-regsitru ta’ dina l-Qorti.

Illi ghalhekk ikun opportun ukoll illi Busuttil jikkjamaw fil-kawza lil Carmen Taliana peress li l-Bank kellu jiftah konkors tal-kredituri minhabba l-agir illegali taghha u ghandha tkun hi li ghandha tbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Illi b’konsegwenza ta’ dan u ghar-ragunijiet fuq premessi Busuttil irrelevaw illi huma ma jopponux ghat-talba tal-Bank rikorrenti hekk kif imfassal fir-rkors promotur tieghu.

Tant ghandhom l-unur li jirrispondu Busuttil.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**E. PROVI:**

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Mejju 2008 li permezz tieghu l-Qorti innominat lil Dr. Louis Cassar Pullicino bhala Perit Legali.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Louis Cassar Pullicino li fih issemma:

"Kunsiderazzjonijiet ta' dritt

Illi f'proceduri ta' konkors tal-kredituri irid tabilfors jigi stabbilit x'kreditu ghandhom il-kredituri konkorrenti u l-preferenza u l-eventwali gradwazzjoni rispettiva ta' kull kreditu inividwali.

Illi f'dan il-kaz ma ghandu jkun l-ebda dubju illi HSBC Bank Malta p.l.c ghandu titolu ezekuttiv. Infatti b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta' Frar 2004 fl-ismijiet "**HSBC Bank Malta p.l.c. vs Kashmiri Palace Limited u Ian u Jacqueline konjugi Busuttil**", il-Bank gie kanonizzat kreditur tas-socjeta` Kashmiri Palace Limited fis-somma ta' Lm16,910.14 oltre l-imghax legali mis-26 ta' Lulju 2003 sad-data tal-effettiv pagament u tal-konvenuti konjugi Busuttil flimkien u *in solidum* ihallsu minn dan l-ammont is-somma ta' Lm15,000 flimkien mal-imghax dovut mill-10 ta' Frar 2002 li sallum jeccedi s-somma ta' Lm8,000 oltre l-ispejjez gudizzjarji.

Illi dan it-titolu ezekuttiv kontra l-konjugi Busuttil huwa kawtelat u kopert sew bil-garanzija ipotekarja munita b'ipoteka li tinsab fir-Registru Pubbliku f'volum I u ggib in-numru ta' registrazzjoni wiehed, erbgha, sebgha, wiehed, sebgha tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (I 14717/1999) u sew b'sentenza tal-Qorti moghtija fil-kawza "**HSBC Bank Malta plc vs Kashmiri Palace Limited u**

**Ian u Jacqueline konjugi Busuttil**" (Citaz. Nru 1369/03GV) liema titolu hu wkoll kopert b'ipoteka gudizzjarja li tinsab fir-Registru Pubbliku f'volum bl-ittra "I" bin-numru wiehed, erbgha, disgha, tmienja tas-sena elfejn u erbgha ("I" 14998/2004).

L-iskrizzjoni ipotekarja skond il-ligi taghti dritt ta' preferenza mid-data ta' tali iskrizzjoni.

Illi in kuntrast mal-premess, Carmen Taliana ma jirrizultax illi ghandha kreditu kanonizzat jew xi forma iehor ta' titolu ezekuttiv. Hija fethet proceduri li ghadhom pendenti ghal-likwidazzjoni ta' danni fil-konfront tal-konjugi Busuttil. In-nuqqas ta' sentenza finali jew titolu ezekuttiv favur Carmen Taliana fih innifsu mhuwiex ta' xkiel ghall-partecipazzjoni taghha f'dan il-konkors ghaliex huwa risaput illi l-ezistenza ta' kreditu jista' jigi kanonizzat fil-kors tal-proceduri tal-konkors. Fl-istess hin, apparti li ghad hemm pendenti quddiem din l-Onorabbli Qoni kif diversament presjeduta, huwa car illi kwalunkwe sentenza ghal danni li tista' tigi deciza favur Carmen Taliana mhijiex ser tippregradwa l-kreditu ipotekarju ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ghaliex kwalunkwe ipoteka gudizzjarja li tista' eventwalment tigi iskritta in segwitu ta' tali sentenza sejra tabilfors taghti dritt ta' preferenza posterjuri ghall-kreditu tal-Bank. Dan qed jinghad naturalment in via ta' ipotesi ghaliex kif gja nghad il-proceduri dwar danni ghadhom pendenti.

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk il-kreditu pretiz minn HSBC Bank plc ghandu jitqies bhala dovut u bhala li ghandu jigi pregradwat b'dan illi l-istess Bank ghandu jigi awtorizzat jizbanka s-somma ta' Lm17,301.06 illum ekwivalenti ghal €40,300.62 depozitati bis-sahha tac-Cedola ta' Depozitu numru 767.2004, wara li jitnaqssu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri tal-konkors tal-kredituri."

## F. KUNSIDERAZZJONIJIET:

Illi l-kaz in kwistjoni jirrelata ghal konkors ta' kredituri fejn in segwitu ta' Cedola ta' Depozitu fir-Regsitru tal-Qorti tas-16 ta' Awissu 2004, Cedola 767/04 giet depozitata s-somma ta' Lm17,301.06 minn Carmen Taliana. Dan sar

wara Mandat ta’ Sekwestru 1188/04 fl-ismijiet Kashmiri Palace Limited vs Ian u Jacqueline Busuttil.

Il-pozizzjoni f’dan il-kaz hija limpida. Il-bank HSBC Bank Malta p.l.c. ghandu kreditu kontra Kashmiri Palace Limited u l-konjugi Busuttil ghas-somma ta’ Lm16,910.14 oltre l-imghax legali mis-26 ta’ Lulju 2003 li llum jeccedi t-Lm8,000. Il-konjugi Busuttil jammettu dan permezz ta’ nota taghhom f’dan is-sens. Kienet biss Carmen Taliana li opponiet l-izbank, izda r-ragunijiet li tat ma jistghux jigu milqugha. Infatti jirrizulta b’mod lampanti li l-bank ghandu titolu ezekuttiv waqt li Carmen Taliana m’ghandhiex titolu ezekuttiv ghalkemm ghandha proceduri pendenti kontra l-konjugi Busuttil. Izda huwa car li kull sentenza li tista’ taghti xi Qorti favur Carmen Taliana sejra tiggradwa wara l-kreditu ipotekarju ta’ HSBC Bank Malta p.l.c. u kull ipoteka gudizzjarja bilfors sejra tkun posterjuri ghal dik tal-bank.

**G. KONKLUZJONIJIET:**

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li l-kreditu pretiz minn HSBC Bank Malta p.l.c. huwa dovut u jippregradwa qabel ohrajn b’mod li l-bank awtorizzat jizbanka s-somma ta’ Lm17,301.06, ekwivalenti ghal €40,300.62 depozitati bic-cedola 767/04, u dan wara li r-Registratur tal-Qorti jnaqqas l-ispejjez dovuti lilu.

Spejjez kontra Carmen Taliana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------